MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Numru. 717/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Omar Osman Omar**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hamis 27 ta' Novembru, 2014**

Kaz Nru: 717/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Omar Osman Omar detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 74356(A) talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Talli bejn is-26 u it-30 ta' Marzu 2014 minn gewwa jott bl-isem ta' 'Galactica Plus' illi kien sirgut geewa il-Yacht Marina ta' Manoel Island ikkometta serq ta' ogetti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-mezz, ghad-detriment ta' Maxim Buravell u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Marzu 2014 minn Telghet Gwardamangia Pieta' ikkometta serq ta' ogetti u flus minn go vettura tal-ghamla *Toyota Liteace* bin-numru tar-registrazzjoni CBW853, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Patrick Joseph Vella u/jew persuna/i ohra;

3. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-marka *Toyota Liteace* bin-numru

tar-registrazzjoni CBW853, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u siitin euro u disgha u sittin cenetzmu (1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta' Patrick Joseph Vella u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli sar recediv ai' termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet lil Jean Cali'.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali ta' l-imputat u l-fatt li hekk kif irrizulta mix-xhieda ta' Jean Cali' l-imputat bhalissa jinsab jiskonta sentenza ta' prigunerija effettiva u qieghed ukoll isegwi programm ta' rijabilitazzjoni biex jehles mill-vizzju tad-droga u sejjer tajjeb. In vista ta' dan il-Qorti tqis li piena karcerarja effettiva ghal dan il-kaz mhix wahda idonea u dan sabiex l-imputat jinghata cans iehor sabiex finalment jimxi fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 280(2), 325(1)(b), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin millum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation. Billi l-imputat huwa diga' segwit mill-Probation Officer tirrakomanda lid-Direttur sabiex possibilment dan il-kaz jigi assenjat lill-istess Probation Officer.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------